**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 7 – IT-TNEJN, L-1 TA' LULJU 2013 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 6**

1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. Fil-paragrafu 5.4 għandha tiżdied "minn Membru Parlamentari" wara "SMS" Fil-paragrafu 5.6 għandha tiżdied "Għandha tinkiteb ittra lill-kuntrattur li kien iqassam il-magazine biex ninfurmawh li mhux ser nużaw is-servizzi tiegħu.

1.2 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 4 favur, 1 kontra, u 1 astensjoni.

**2. Pagamenti Numru 6**

2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet diskussa t-talba biex Triq W Savona ssir *residential parking*. Ġiet innutata li l-Kunsill ma kienx qabel ma' din f'żoni oħra, kif ukoll li TM mhux qed taċċetta talbiet bħal dawn. Ġie deċiż li ma tiġiex aċċettata din it-talba.

3.2 Ġiet diskussa talba mill-Kunsill tas-Swieqi u kuntrattur tagħhom biex jingħataw permess biex *heavy vehicles* jagħmlu użu mit-triq li tinsab fil-wied

sakemm issir ir-*resurfacing* ta' Triq il-Qasam. Kien hemm qbil unanimu. IsSinjura Rita Saliba qalet li jekk issir xi hsara jkunu huma resposabbli.

3.3 Ġiet innutata l-clean up li saret mill-HSBC u l-Kunsill ta' San Ġwann f'Wied Għomor.

3.4 Ġiet innutata u approvata r-reply to management letter għas-sena finanzjarja li spiċċat fil-31 ta' Dicembru 2012.

**4. Punti li joħorġu mill-minuti u Affarjiet oħra.**

4.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill il-bus stop fi Triq il-Mensija li mhux qed tintuża imma għadha miżbugħha u qed jingħataw iċ-ċitazzjonijiet. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-pulizija u lill-wardens biex ma jinħarġux ċitazzjonijiet. Iż-żbir tas-siġar fi Vjal in-Naspli għandu jsir aktar ’il quddiem. Il-*culverts* għandhom jitnaddfu f'Awwissu, u għandha titqabbad is-servizzi ta' Bobcat biex isir it-tindif, għandha ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-bozoz, il-*Contracts Manager* tal-bozoz, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-bozoz. Għandha ssir talba biex issir laqgħa mal-MEPA, GPD u TM.

4.2 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li jsiru bollards temporanji fi Vjal ir-Riħan waqt il-festa biex ma jsirx parkeġġ quddiem l-istatwa, għandha tiċċaqlaq it-tabella fi Triq il-Kappella kantuniera ma’ Vjal ir-Riħan. Kien hemm qbil unanimu.

4.3 Is-Sinjura Rita Saliba talbet biex tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Battaljun minħabba r-*rubbish* li qed jinħareġ il-ħin kollu. Għandu jiġi rranġat iċ-ċint fil-masġar u tiċċaqlaq doggie bin fi Triq l-Istefanotis. Għandha titnaddaf il-mera fi Triq Bella Vista kantuniera ma’ Vjal in-Naspli. Ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill karozza abbandunata fi Triq iċ-Ċirasa. Hi pproponiet li jsir bank fi Triq il-Qalbiena. Dan ma jistax isir minħabba li jiġi fuq il-bankina u jkun ta' ostaklu.

4.4 Is-Sinjura Joan Farrugia qajmet punt fuq paragrafu 5.7. Hi tisħaq li għandha tintbagħat ittra lis-Sur Tony Cutajar kif kien talab is-Sindku f'laqgħa Numru 6 fejn dak in-nhar il-Kunsillier Dominic Cassar wera ittra fejn is-Sur James Sghendo ippropona lill-istess Cassar fuq din l-għaqda li qed tissejjaħ NGO. Għandu jintalab ukoll kopja tal-istatut u l-lista tal-membri.

**5. Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 15 ta Lulju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |